MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 271/2009

**Mobisle Communications Limited**
**(C-24655)**

**Vs**

**Natalina Cauchi**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob il-hlas tas-somma ta’ tliet mija u hmistax-il euro u wiehed u tletin centezmu (€315.31c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-konvenuta skond Client Contract Number 1024038 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u 2008. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Jannar 2009 u dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-Talba, u bl-imghax legali sad-data ta’ l-effettiv pagament.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tliet mija u hmistax-il euro u wiehed u tletin centezmu (€315.31c), bl-imghax dekoribbli mit-30 ta' Jannar 2009 (id-data ta' l-ittra ufficjali) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Jannar 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba, huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------